NUMRU SPEĊJALI — 3d.

# L-IMSIDA

Vol I Nru. 2 JANNAR - FRAR, 1965



EDITORJAL

# PAĊI LILL-BNEDMIN

Dan huwa l-awgurju li l-lum inwasslulkom f'dan in-numru speċjali. U x'inhu dak li l-aktar jixraq fiż-żmien li qegħdin fih? Ħarsu madwarkom: taraw il-bnedmin kollha indipendentement min-nazzjon u mit-twemmin tagħhom, iħossu qalbhom imfawra bil-ferħ u ħafna minnhom lanqas biss jistgħu jifhmu għaliex. Imma aħna nafu għaliex! U proprju meta aħna nafu għaliex, il-paċi tagħna tkun ikbar.

Il-Milied — festa ta' kulħadd — ifakkarna f'dak il-jum li fih deher żernieq ġdid għall-bnedmin. Infatti dak il-jum ta' l-ewwel Milied kien destinat biex jaqsam l-istorja ta' l-umanità fi tnejn — f'żewġ partijiet li bejniethom kellha tgħaddi differenza kbira.

Id-dinja ta' qabel kienet dominata minn piż ikreh: id-differenzi bejn il-klassijiet tal-bnedmin kienu donnhom iridu jpoġġu fuq pedistall lil xi wħud filwaqt li jbaxxu għal-livell ta' l-annimali lill-oħrajn. Dan kien joħloq mibegħda u għira, u għalhekk il-biċċa l-kbira tan-nies ma kenux jafu l-paċi fejn toqgħod.

Ġie l-Milied — twieled il-Messija u miegħu ġieb dinja ġdida, dinja ta' ugwaljanza fost il-bnedmin u ta' rikonoxximent tad-dinjità ta' ruħ il-bniedem. Ħarsu infatti: kull fejn resqu l-mibgħuta tal-Messija, ħadu magħhom is-sinjal li Hu stess kien tahom — l-imħabba ta' xulxin. Spiċċat għall-insara l-iskjavitù — il-bnedmin saru lkoll aħwa għalkemm kulħadd kellu d-difetti tiegħu u għalkemm ix-xitan żied iż-żerriegħa tal-mibegħda, tal-għawġ u tat-taħwid li minn dejjem kien jiżra' fid-dinja.

Il-bniedem beda jħoss li hu fid-dmir li jgħin lil ħuh fil-bżonn; li jerfgħu, jekk ma kienx kapaċi jqum waħdu, għal-livell tas-soċjetà. Min kellu żżejjed, beda jħossu responsabbli ta' min lanqas biss kellu n-neċessarju, u l-bnedmin resqu aktar lejn xulxin. Fil-għajnuna tal-proxxmu, l-individwu u s-soċjetà sabu paċi li lanqas qatt ħolmu biha meta kienu magħluqin fiċ-ċirku egoistiku tal-persuna tagħhom.

*(ikompli fil-paġ. 4)*



# "L-IMSIDA"

LEHEN IL-PARROĊĊA

*Direttur: Spiritwali:* Dun Ġużepp Mifsud.
*Editur:* Is-Sur Joe Friggieri
*A/Editur:* Is-Sur Lino Bartolo
*Membri oħra tal-Kumitat Editorjali:*
Is-Sur Charles Casha
Is-Sur Joe Brincat
Is-Sur Vincent Vassallo
Is-Sur Anthony Catania
Is-Sur Patrick Sciberras.
Is-Sur Alfred Aquilina.
*Abbonament għal sena:* Malta 2/6.
Barra 4/-
Stampat fl-"Empire Press" — Furjana

**Vol. I, Nru. 2** **Jannar - Frar, 1965**


## DJARJU PARROKKJALI

### IMGHODDI

#### OTTUBRU

1 ta' Ott.: Fil-parroċċa, fis-santwarji ta' Loretu u ta' Fatima, beda r-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat.

3 ta' Ott: Fl-A.B.C. Theatre sar l-ewwel Miss Teen Contest, li kien organizzat minn li Skelteen Mixed Youth Club, Msida.

4 ta' Ott.: Festa tal-Madonna tar-Rużarju. Filgħaxija saret il-purċissjoni li fiha attenda numru kbir ta' nies.

7 ta' Ott.: Fil-parroċċa saret l-ewwel laqgħa liturġika, għat-tfal kollha tal-parroċċa. Numru kbir ta' tfal, iktar milli kien mistenni, inġabru fil-knisja jisimgħu lis-saċerdoti tal-parroċċa, wieħed wara l-ieħor, jispjegaw punti tal-liturġija. Prosit lil min kien responsabbli għal dan it-tagħlim.

11 ta' Ott.: Fil-parroċċa saret il-festa ta' Sta. Tereżina.

13 ta' Ott.:Il-Kappillan organizza pellegrinaġġ *Aux Flambeaux,* kif isir kull sena, għas-Santwarju ta' Fatima, billi f'din il-ġurnata kienet l-aħħar dehra tal-Madonna.

18 ta' Ott.: Ġurnata Missjunarja; fil-parroċċa saret siegħa Adorazzjoni għall-bżonnijiet tal-Missjoni. Il-ġabra li saret fil-parroċċa kollha laħqet is-somma ta' £233. 11s. 6½d.

21 ta' Ott.: Fis-Santwarju ta' Loretu saret il-festa ta' Sant'Ursola.

#### NOVEMBRU

1 ta' Nov.: Festa tal-Qaddisin Kollha.
*L-ewwel ħarġa tal-gazzetta "L-IMSIDA" ġiet milqugħa tajjeb ħafna min-nies tal-parroċċa. Il-Kumitat jirringrazzja lil kulħadd.*
Pellegrinaġġ għaċ-Ċimiterju organizzat mit-Terz' Ordni Franġiskan.

2 ta' Nov.: Jum l-Erwieħ tal-Purgatorju. Filgħodu l-parroċċa laqgħet b'merħba lill-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Doyle, Kanadiż, li qaddes tliet quddisiet fit-8.00.
Fil-parroċċa matul dan ix-xahar saru s-suffraġi għal ruħ il-membri mejtin tas-saċerdoti, fratellanzi, Terz'Ordni, għaqdiet u l-parroċċani kollha.

8 ta' Nov.: Pellegrinaġġ għaċ-Ċimiterji tal-ħabs, Wied Għammieq u l-Addolorata, organizzat mir-Rettur tas-Santwarju ta' Loretu.
Fil-Każin tal-Banda Melita saret seduta ġenerali; ġew eletti żewġ membri ġodda fil-Kumitat u ġew diskussi affarijiet importanti oħra.

9 ta' Nov.: Is-submarine H.M.S. Turpin jitlaq minn Malta.H.M.S. Turpin kien ilu sorġut għal sentejn fid-daħla ta' l-Imsida.

#### ĠEJJIENI

#### DIĊEMBRU

24 ta' Diċ. Fil-għaxija tal-Mużew jagħmlu s-solita purċissjoni bil-Bambin. Priedka mit-tfajjel Joe Mifsud fil-11.00 p.m. — Funzjonijiet tal-Milied. Fil-parroċċa, carols, quddiesa kantata u priedka mit-tfajjel Tony Mizzi.
Santwarju ta' Loretu: Velja Liturġika Pastorali, Quddiesa kantata bil-priedka mit-tfajjel Raymond Bartolo.

27 ta' Diċ. Pellegrinaġġ mas-Sorijiet Ursolini fejn inżuru diversi presepji.

#### JANNAR

1 ta' Jannar. *Bidu tas-sena l-ġdida. Il-Kumitat jawgura lill-qarrejja kollha.*

4, 5 u 6 ta' Jannar. Fil-parroċċa jsiru l-Kwaranturi Solenni. Jispiċċaw fil-festa tat-Tre Re.

10 ta' Jannar. Griżma ta' l-Isqof fil-Parroċċa.

## STATISTIKA

### OTTUBRU U NOVEMBRU

#### TWELID

Twieldu 17-il tifel u 15-il tifla.

#### ŻWIĠIJIET

| | |
|---|---|
| Borg Alfred u M. Dolores Cutajar | 3. 10. 64 |
| Galea Alfred u Elvira Gregory | 4. 10. 64 |
| Borg George u Josephine Camilleri | 17. 10. 64 |
| Galea Joseph u M. Rosaria Cauchi | 1. 11. 64 |
| Miller Jacob u Kelly Patricia | 8. 11. 64 |
| Cole David John u Buhagiar Mary | 15. 11. 64 |
| Borg John Bosco u M. Stella Mifsud | 21. 11. 64 |

#### IMWIET

| | |
|---|---|
| Calleja Joseph (75 sena) | 14. 10. 64 |
| Abdilla Maria (77 sena) | 26. 10. 64 |
| Borg John (69 sena) | 27. 10. 64 |
| Muscat Gejtu (68 sena) | 30. 10. 64 |
| Aquilina Gesmond (5 xhur) | 2. 11. 64 |
| Mizzi Emm. (57 sena) | 12. 11. 64 |
| Armeni Vincent (84 sena) | 13. 11. 64 |
| Brincat Maria (46 sena) | 14. 11. 64 |
| Ciappara Joseph (71 sena) | 14. 11. 64 |
| Bezzina Maria (6 ijiem) | 20. 11. 64 |
| Camenzuli Alfred (56 sena) | 22. 11. 64 |
| Demanuele Daniel (76 sena) | 23. 11. 64 |


FIAT GUARANTEES
Safer Capital Investment
Improved Mechanical Efficiency
Greater Petrol Economy
*SEE ALL THE LATEST MODELS*
*Exhibited at*
THE NEW WALDORF GARAGE —
FIAT SERVICE STATION — PIETA'
and
FIAT SHOWROOMS at
MSIDA VALLEY ROAD, B'KARA
Fiat Agency: U.C.I.M. Co., (Malta) Limited
206/207, Marina Street, Pieta' (Phone 25362)

IL-FAMUŻA DOLĊERIJA
FL-IMSIDA
BUSY - BEE
tirċievi ordnijiet għal
TIĠIJIET
MAGHMUDIJIET
PARTIES

# GĦALIKOM TFAL



"Issa nsaqsu 'l Dun Ġużepp!" qal Joe lil Mary, mingħajr ma kien induna li jiena kont bil-wieqfa warajhom. Kont qed niggustahom jirraġunaw bejniethom kif ser jarmaw il-presepju tad-dar tagħhom. U mid-dehra kienu sabu xi diffikultà.

Tfal, min jaf bħalissa kif ilkoll qed tirsistu biex tarmaw xi Bambin sabiħ f'xi tieqa! U tagħmlu sewwa, għax il-Milied hija l-festa tagħkom (nispera li l-kbar ma jaqrawhiex din!). Il-Bambin lilkom iħobb l-aktar għax intom tfal bħalu!

Imma issa ħallina miċċajt; intom tħobbuh il-Bambin kif iħobbkom hu? Ara, tfal, ejjew niftehmu u nagħtuh rigal lill-Bambin din is-sena t-tfal ta' l-Imsida kollha flimkien. Le, le, mhux ser nitlobkom xi sold kull wieħed.

Ir-rigal ta' din id-darba mhux bħal tas-soltu, imma ħafna isbaħ u aħjar minn tas-soltu! Ara x'tagħmlu: agħżlu xi proponiment sabiħ, iktbuh fuq biċċa karta, imbagħad poġġuh fil-grotta tagħkom ħdejn il-Bambin nhar il-Milied. Pero', *u dan huwa l-aktar importanti,* fittxu li l-proponiment li tagħżlu żżommuh is-sena kollha.

Issa, biex ngħinkom, ser nagħtikom xi eżempji ta' proponimenti li, kieku tagħżluhom, ikunu tajbin: li nibda mmur id-duttrina, li nobdi 'l mamà mill-ewwel, li nisma' quddiesa nhar ta' xogħol, li ma nħalli qatt il-homework, li l-iskola nġib ruħi aħjar u nistudja, eċċ.

Issa kull wieħed minnkom jagħżel *wieħed biss,* imma dak li jagħżel ifittex li ma jħallih qatt. B'hekk, aħna t-tfal ta' l-Imsida, f'dan il-Milied, nagħtu lil Ġesù bukkett magħmul mhux mill-ward maqtugħ minn xi ġnien, imma minn dawn il-karti żgħar ħerġin minn qalbna.

Il-Bambin iberikkom.

DUN ĠUŻEPP.

### KOMPETIZZJONI

Kompli dawn il-proverbji:

1. Ix-xemx li ma ssaħħanx
2. Hruġ Marzu u dħul April
3. Aħjar "iff" ............
4. Heles mill-miżieb ........
5. Min jixtri l-ħut ............

1. It-tfal kollha li għadhom ma għalqux il-15 il sena jistgħu jidħlu għal din il-kompetizzjoni.

2. Mat-tweġiba, iktbu isimkom, l-indirizz sħiħ u l-età.

3. It-tweġibiet iridu jaslu mhux aktar tard mill-10 ta' Jannar, f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni: Għalikom Tfal, c/o 5, Mons. Dandria Str., Msida.

4. Tinsewx twaħħlu bolla ta' 2d. fuq l-envelope.

5. Ir-ritratt tar-rebbieħ jew rebbieħa jidher fil-ħarġa li jmiss u jiġi mogħti rigal.

6. Jekk ikun hemm aktar minn tweġiba waħda tajba, il-premju jitla' bix-xorti.



### RIŻULTAT

Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni ta' l-aħħar darba huwa Joe Schembri, ta' 14-il sena mill-Imsida. Ir-riżultat kellu jkun hekk: *Kalkara, Żurrieq, Marsaxlokk, Birżebbuġa.* Filwaqt li r-ritratt tar-rebbieħ qed jidher hawn fuq, il-premju diġà ġie mogħti lilu.

*L-istorja tal-lum*

## IL-BAMBIN TA' TONINU

Toninu kien tifel ta' 8 snin. Kellu missieru mejjet u ommu kienet tmur taħdem biex taqla' xi ħaġa x'jieklu hi u l-familja tagħha. L-unika xewqa li kellu Toninu kienet li jkollu Bambin biex fil-Milied iżejnu u jqiegħdu fit-tieqa. Imma kienu fqar wisq u għalhekk ommu ma setgħetx tixtrilu wieħed. Għalkemm kien jitlob ta' kuljum lil Ġesù biex huwa wkoll, bħat-tfal l-oħra, ikollu Bambin, beda biex jaħseb li Ġesù ma kienx qiegħed jisimgħu.

Ġurnata waħda, ħabbat il-bieb u Toninu mar jiftaħ; kien Dun France. Meta daħħlu ġewwa, omm Toninu talbitu jgħidilha x'kien ġiebu hemm lil Dun France.

"Ġejt", beda hu, "biex nara jekk Toninu jistax jagħmlilna l-priedka ta' nofs il-lejl ta' dis-sena". Toninu aċċetta bil-ferħa u beda jistudja dik il-priedka.

Lejlet il-Milied wasal, u Toninu mar il-Knisja. Il-priedka tiegħu kienet waħda mill-isbaħ, u hu wkoll kien verament għamilha tajjeb.

Kif daħal fis-sagristija, ġie fuqu l-Kappillan b'pakkett f'idu. "Dan għalik, Toninu", qallu l-Kappillan filwaqt li newwillu dak il-pakkett. Toninu ħadu, fetħu: Bambin mill-isbaħ! Dak il-ħin għajnejn Toninu mtlew bid-dmugħ — dmugħ ta' ferħ innoċenti. Xewqtu issa kienet mitmuma: wara kollox Ġesù kien sema' t-talba tiegħu.

IZ-ZIJU EDDIE.

**A. CIANCIO**
**1, PARISH STREET**
**MSIDA**
**Bazaar & Barber Saloon**
Full Assortment of
Christmas Cards
and Toys
*Films Developed*
*Printed*
*and Enlarged*
**Next day service**

**TYRES**
and
**BATTERIES**
SERVICE
Visit:
**J. VASSALLO**
*67, RUE D'ARGENS*
*MSIDA*

**F. ZAMMIT**
**& SON**
**FLORISTS and**
**NURESERYMEN**
**Kingsway**
corner St. John's Sqr.
**Valletta - Malta**
Ten. C. 28324
SPECIALISTS IN
HAND BOUQUETS
*Flowers cabled to all*
*parts of the World*
*Via Interflora*

*For all kinds of*
*Fresh Vegetables*
*and Groceries*
visit the
**SPLENDID STORE**
by J. M. FARRUGIA
& SONS
*RUE D'ARGENS*
*MSIDA*

**BRINSONS**
**JEWELLERY**
**WORKS**
• Manufacturing Jewellers
• Gold & Silversmiths
• Filigree Works
• Antique Imitation
• White Gold
Specialists in
Engagement Rings
*Workshop*
**43, St. Anthony Street**
**Msida**
(Dial 31991)
*Head Office*
**189, Old Bakery Street**
**Valletta**
(Dial 29017)

### "MIKE" IKELLEM LIŻ-ŻGHAŻAGH

# L-IMSIDA TAGĦKOM, IBŻGĦU GĦALIHA

META ġiebuni l-ewwel darba l-Imsida, daqs tlieta u erbgħin sena ilu, kienet ferm iżgħar minn tal-lum, u ferm inqas sabiħa minn din l-Imsida tagħna.

Dak iż-żmien kont tisma' sikwit min igħidlek: "Fl-Imsida ma jżomm xejn!" U tassew, għaqdiet, kumpanniji ta' tijatrin, teams tal-football, soċjetajiet, kollox kien jibda tajjeb u wara ftit jispiċċa fix-xejn. Ir-raġuni kienet li ħafna kienu jagħżlu li jmorru tas-Sliema jew il-Belt għad - divertiment tagħhom, minflok ma jingħaqdu f'għaqdiet qawwija fl-Imsida stess. Fi kliem ieħor ma kienu xejn kburin bl-Imsida tagħhom, u kien jogħġobhom iżjed il-frak ta' ħaddieħor.

### PAĊI LILL-BNEDMIN

*(ikompli mill-paġ. 1)*

**Il-bniedem sabha l-paċi u għadu jħossha aktar missoltu kull sena f'dan il-jum ta' l-isbaħ tifkira — it-tifkira ta' meta Alla sar wieħed mill-bnedmin, ta' meta Alla sar wieħed mill-aħwa ta' kull bniedem, ta' meta l-bnedmin kollha permezz tiegħu, saru aħwa ta' xulxin — it-tifkira tal-Milied.**

**Araw infatti fil-pajjiżi diversi kull għaqda, kull soċjetà, kulħadd f'dawn il-ġranet idur u jiftakar f'min hu inqas furtunat: fl-iltiema, fil-fqar, fl-inkapaċitati. Anki Malta ddur bi ħġarha lejn uliedha l-aktar fil-bżonn u tara x'tagħmel għalihom. Dan huwa l-veru spirtu tal-Milied — spirtu ta' għaqda, imħabba u fraternità — spirtu ta' paċi, paċi lill-bnedmin.**

**Imma jalla dan l-ispirtu li qed inħossuh jitwieled fina llum, ma jkunx għallum biss, ma jintesiex malli jgħaddi l-ewwel tas-sena. Il-poplu tagħna Misidjan, jekk nixtiequh ikun l-ewwel f'kollox, irriduh b'mod speċjali jkun ta' quddiem f'din il-ħaġa: fil-għaqda, fl-imħabba u fil-kooperazzjoni. Ningħaqdu u nikkooperaw f'dak kollu li hu tajjeb, f'dak kollu li hu ta' ġid. Mhux pika, għira u firda, imma kooperazzjoni, għajnuna u għaqda rridu li jkunu l-pedamenti li fuqhom nibnu ħajjitna, il-ħajja tas-soċjetà, ta' bejnietna, u l-ħajja tal-belt tagħna: l-Imsida.**

### L-IMSIDA LLUM

L-Imsida tal-lum tgħaxxqek, bil-playground sabiħa tagħha, it-toroq wesgħin bis-siġar, il-vilel ta' Ta' Xbiex u tal-belt ġdida ta' Tal-Qroqq, il-knisja bil-ġebla sħuna ħamranija tagħha, u r-raħal qadim u pittoresk tas-sejieda li hu "n-naħa ta' ġewwa".

### GĦADA TKUN TAGĦKOM

Din l-Imsida, ftit snin oħra meta aħna x-xjuħ immutu, tkun kollha kemm hija tagħkom li tkunu sirtu l-irġiel u n-nisa ta' għada. Jaqbel lilkom mela li tibdew tieħdu ħsiebha mil-lum, biex għada tkun dejjem aħjar mil-lum.

### IDDEFENDUHA MILL-VANDALIŻMU

Ftit ilu kont Ta' Xbiex. Wieħed tifel, aktarx mhux Misidjan, kien qed jaqla' siġra żagħżugħa minn dawk li hemm ħdejn il-Kjosk. Meta wieħed raġel resaq iwissih tfaċċa missieru, li flok ma wissa lil ibnu biex iġib ruħu sewwa, dar fuq dan ir-raġel u kollu rabja qallu: "Int x'tindaħal? Jaqaw il-Gvern ħuk?" Araw x'injuranza! Din l-idea, li għaliex haġa hija tal-Gvern tista' tirvinaha, hija diżgrazzjatament imdaħħla ħafna f'Malta kollha. Bħallikieku l-Gvern huwa xi barrani, u mhux l-għaqda mtella' mill-poplu biex tieħu ħsieb ħwejjeġ il-poplu.

Le, l-Imsida hija tagħna, ma ninsewx, u huwa dmir ta' kull wieħed minna li jiddefendiha. Imma hemm bżonn nibdew minna stess. Ma nitilgħux fuq dahar il-bankijiet, għax min jiġi warajna jħammeġ ħwejġu bil-ħmieġ taż-żarbun tagħna. Ma nkissruhomx il-bankijiet, biex meta ngħajjew (jew nixjieħu!) ikollna fejn nistrieħu. Ma nħarbtux is-siġar biex fil-jiem tas-sajf insibu fejn niskennu mix-xemx. Ma narmux karti u ħmieġ ieħor fit-toroq u fil-ġonna biex ngħixu fl-indafa. Ma nitfgħux imbarazz fil-baħar.

### IDDEFENDUHA MIL-IMĠIEBA HAŻINA

Il-poplu ta' belt jieħu l-fama mill-imġieba tiegħu. Jekk fi bliet oħra ta' Malta hemm l-indeċenza dan ma jfissirx li l-indeċenza hija tajba jew li fl-Imsida bilfors għandu jkun hemm il-pastażati. Għalhekk, attenzjoni biex kull wieħed minna jġib ruħu ta' bniedem ċivilizzat kif jixraq lil din l-Imsida sabiħa tagħna. Malbarranin, mhux fastidju u żuffjett, iżda kelma tajba kollha ħlewwa. L-istorbju u l-għajjat bla bżonn ukoll jagħtuna fama ħażina. Mela jekk għandek transistor radio doqqu għalik waħdek u mhux biex iddejjeq lil ħaddieħor.

### NIBDEW?

X'sejrin nagħmlu, għeżież żgħażagħ? Nibdew minn issa biex lill-Imsida tagħna nirrenduha l-iżjed belt nadifa u ċivilizzata ta' Malta? Jiddependi minn kull wieħed u waħda minnkom jekk tkunux iżjed għaqlin minn missirijietkom u ommijietkom.

## IN MEMORIAM



B'tifkira għażiża ta' **Ġużeppi Spiteri** f'għeluq is-sena mill-mewt tiegħu li ġrat fit-8 ta' Jannar, 1964, fl-età ta' 67 sena. Ħalla jibku t-telfa tiegħu lis-sitt uliedu. Il-quddies kollu dak in-nhar fil-parroċċa ta' l-Imsida jkun għal ruħu. il-qarrejja mitluba jisimgħu l-quddies u jitolbu għal ruħu. — R.I.P.


LESA

BATTERY & MAINS TAPE RECORDERS



THE BEST MONEY CAN BUY

Sole Agents:

20TH CENTURY SALES & SERVICE

84, ST. JOHN STREET

VALLETTA

Dial 21873

## PAĠNA GĦAN-NISA

*Minn MRS. CARMEN CARBONARO*

# IL-GRAZZJA TAL-MILIED

IT-TWELID ta' Ġesù kien l-ikbar u l-isbaħ ġrajja tad-dinja. Imma fl-istess ħin kienet ukoll ġrajja ta' qsim il-qalb. L-ewwel Milied kien ikkaġuna l-bidla ewlenija fl-istorja taż-żminijiet, imma kienet ukoll ġrajja li wrietna lil Ġesù għadu kemm jitwieled.

Il-Milied ma jfisser xejn mingħajr Ġesù Bambin. Ġesù jrid ikun iċ-ċentru tal-festa, huwa jrid ikun il-qalb tal-festa, biex ikun veru Milied tajjeb. Aħna allura, għandna nkunu qalbna ħanina mat-tfal u mhux mat-tfal tagħna biss, imma mat-tfal fqar jew morda minħabba fil-Bambin Ġesù. Aħna nagħtu r-rigali lill-qraba, lill-ħbieb minħabba r-rigali li Huwa stess tana, meta Huwa ried isir ħuna. Nistgħu allura niftħu qalbna lejhom u nimmaġinaw li aħna qed niftħu qalbna mas-Sagra Familja fil-lejl tal-Milied. Kemm jieħu gost Ġesù kieku nagħmlu xi ħaġa biex inferrħu lil xi ħadd f'dawn il-ġranet tal-Milied, ġranet ta' ferħ.




X'ser ikun ir-rigal ta' kull waħda minna lil Ġesù fil-Milied? Ngħarblu lilna nfusna, u naraw kif nistgħu nferrħu lil Ġesù l-iżjed. Nirrispondu mela bis-sinċerità u bil-ġenerożità kolha, bil-ferħ, bil-qalb safja, u nagħtu lil Ġesù rigal l-iktar li jifraħ bih. Biex verament inkunu dħalna fl-ispirtu tal-Milied, biex verament inkunu iffesteġġjajna tajjeb din il-ġrajja, biex inkunu daħħalna lil Ġesù fi djarna u f'qalbna; u ma nħalluhx barra fil-bard u fil-kesħa bħal dak in-nhar tat-twelid tiegħu. U Ġesù jifraħ bina u jixħet il-barka tiegħu fuqna.

Isimgħu daqsxejn xi jgħid il-kbir appostlu tal-karità l-Abbe Pierre, dak is-saċerdot Franċiż li għamel taqliba sħiħa għall-ġid ġo Franza, bil-ħidma tiegħu ta' l-ikbar fejda. Huwa jgħid "li jekk f'dawn il-ġranet tal-Milied tisma' b'xi familja fejn il-kbar jiddevertu u jixxalaw u jonfqu kollox fil-lussu u fil-ħela u jmorru jiżfnu l-lejl kollu filwaqt li għandhom it-tfal morda, bil-ġuħ, bid-deni, x'kontu tgħidu għal din il-familja? Kontu tgħidu li dik hija familja ta' mostri. Imma hekk ikun qed jagħmel, hekk tkun qed tagħmel dik il-familja umana min ma jagħtix każ ħlief tiegħu biss u minn ħaddieħor ma jimpurtah xejn, u jekk nazzjon huwa suppost nisrani imma ma jagħmel xejn biex iserraħ il-faqar, jew il-miżerji, dan in-nazzjon ma jiistax jissejjaħ nisrani. L-istess ingħidu għall-individwi. Jekk ir-reliġjon tal-bniedem ma ġġegħelux iħoss għal għajru, allura dik ir-reliġjon tiegħu hija fqira jew inkella qed juża r-reliġjon bħala loppju, biex tisturdih u jitlef il-veru tifsir tal-ħajja".

Il-familja fil-ġranet tal-Milied, tinsab miġbura u magħquda flimkien, fl-imħabba u fil-paċi li għaliha u apposta biex iġibilna din il-paċi twieled Ġesù Bambin.. Mela ejjew nifirħu lkoll għal din il-miġja tant sublimi u nippruvaw ilkoll nagħmlu mill-aħjar biex f'dawn il-ġranet aħna nirrendu l-familja tagħna ferħana u kuntenta iktar mis-soltu, permezz tal-ħidma tagħna, taxxogħol tagħna, li aħna ilna nippreparaw għal dawn il-ġranet li nistgħu nsejħulhom il-ġranet tal-familja.

**SER TIŻBOGH? EJJA GHAND**

**CARSONS PAINT CENTRE**

**MSIDA**




Fejn issib makna unika li tagħtik f'inqas minn minuta kull wieħed 'l fuq minn kull 1,000 kulur li inti tagħżel. Issib din iż-żebgħa: ...PLASTIC EMULSION - ENAMEL GLOSS EGGSHELL u UNDERCOATING, tal-Marka **ULTRALUX** kull ħin li trid, minn pinta sa gallun fil-kuluri kollha. ŻEBGHA Ingliża u garantita mill-Good Housekeeping Institute.

**CARSONS PAINTS CENTRE**
**44, Ta' Xbiex Sea Front**
**Msida**
Tel. 1097

**Dunlopillo**



*The most heavenly mattress on earth*

Dealer:
**JOE M. GALEA**
**114 D'Argens Road, Msida. Tel: S.1937**

## GĦALFEJN ĠESU' TWELIDT?

Il-lum f'kull art
il-qalb qed tħabbat
bil-għira u bil-mibegħda.
Ix-xewqa għall-ġlied u l-kobor
qed tikber, dejjem tikber.
U l-moħħ jiddallam,
u fit-triq li twassal
għall-qerda
u għall-mewt,
mixjin, rashom imgħaddsa,
il-bnedmin.
Gwerra, gwerra, gwerra,
tinstema' tidwi l-għajta
fuq l-art u fuq il-baħar.
Gwerra, gwerra, gwerra: u dik l-għajta ta' saħta
qed timla l-arja.

Għalfejn Ġesù twelidt?
Il-bniedem, kiefer u ħajjen,
qed jikser dik il-wegħda kbira
ta' mħabba w paċi
li Int għamilt
fil-lejla tal-Milied.

Għalfejn Ġesù twelidt?
Twelidt
biex tagħti fejqan lid-dinja mħassra.
Imma trid id-dinja timxi warajk
fit-triq tas-sewwa?
Trid il-kotra tisma' l-kelma ħajja
ħierġa mill-għar ta' Betlem?
Wisq nibża' jien
li akbar mill-imħabba l-għira wir-regħba.

Imma Ġesù, nitolbok:
fit-triq tad-dmugħ u n-niket
agħmel li tiftaħ, ħamra w kbira,
il-warda ta' l-Imħabba,
imsoqqija bil-ħajr u t-tjieba,
imdawwla
bid-dawl divin.

ĠUŻE' CHETCUTI.

## IL-MILIED

Bla sabar kien il-bniedem, wirt il-ħtija,
Jistenna l-ħniena, il-kelma tal-ħelsien,
Li msieħba ma' tal-ħaqq kienet it-tama
U x-xemx li tat il-ħajja lil kull żmien.

Fis-sebħ ta' jum ħanin feġġet il-kewkba,
U xandret mal-ħolqien l-isbaħ ġrajjiet;
Fuq l-art is-sliem lill-ġnus ta' rieda tajba,
U ħajr lil Alla fl-għoli tas-smewwiet.

Kif seħħet hekk il-wegħda bl-akbar għaġeb
Fix-Xebba tax-xbejbiet, l-Omm tal-Feddej,
Il-jasar tal-misħut saħqet b'għarqubha
Kif kien minn qabel ħabbar il-Mulej.

Min jista' qatt tal-ħsieb iduq il-benna
Ta' l-Iben t'Alla, is-Sid, l-egħżeż ħabib,
Li niżel fostna, fqajjar ħa suritna
U miet iċarċar demmu fuq salib.

'Ma d-dinja l-lum mitlufa fil-mibegħda
Tal-ġnus ħabrieka għall-qerda ta' xulxin,
Insiet, belhana, il-kelma ta' l-imħabba,
Il-ġid u s-sliem għall-fejda tal-bnedmin.

Ejjew bnedmin jekk tridu l-ferħ tal-Ġenna
U s-sliem fuq l-art fejn jgħammar il-Milied;
Ejjew flimkien ma' l-anġli nsemmgħu l-għanja
Ta' ħajr lil Alla fl-għoli tas-smewwiet.

JOHN C. FRIGGIERI.

# GLORIA IN EXCELSIS DEO





*Il-Board Editorjali*
*"L-IMSIDA"*
*jixtieq l-isbaħ xewqat*
*għall-Milied u s-Sena l-Ġdida*
*lill-kollaboraturi, ħbieb,*
*benefatturi, qarrejja*
*u lill-Misidjani kollha*



## L-IMWIELED

Raġel u mara jterrqu
fid-dlam tal-lejl ilmaħt;
f'kisret għajnejn il-mara
bl-uġiegħ ta' qalbha ntbaħt.

Hoft għal ħin twil warajhom,
xtaqt naf 'il fejn sejrin;
f'toqol mixjithom deherli
li bl-għejja mifluġin.

U pass wara ieħor qarrbu
lejn bieb il-belt il-kbira
li rat ħwejjeġ tal-għaġeb,
li ċaħdet kenn lill-fqira.

Mgħobbija b'teżor moħbi,
mistur b'għerf il-Mulej;
m'hemmx saqaf li jkenninha
l-imnikkta, Omm il-Feddej.

Kompliet triqitha, imħassba
fuq dak li kellu jseħħ:
kien qorob ħin li d-dinja
tilqa' fi ħdanha s-sebħ.

Habbtet għal bosta drabi,
u talbet bil-mistħija;
kemm xtaqet li mir-reżħa
tal-lejl taħbi t-tarbija.

Li kellha timla d-dinja
bid-dawl ta' l-Etern Alla.
Min ħalaq l-art u s-sema
twieled ġo għar, fi stalla.

U seħħ kliem il-ħabbara;
ferħet Ommu Marija;
xterdet l-aħbar ma' Betlemm
li twieled il-Messija.

W ilħna ta' ġieh u glorja
għannew paċi lill-qlub,
faħħru l-Mulej f'qawwietu,
f'nislu Iben maħbub.

Bin Alla u bin Marija,
u fih Ruħ il-Qdusija,
tbaxxew quddiemu s-slaten,
twieled u miet għalija.

1\. 11. 64. A. MERCIECA.



## IL-LEJL TAL-MILIED

Il-lejl sieket, kollox ħiemed,
Jiddu l-kwiekeb fis-smewwiet,
Kollox kwiet, kollox imdallam,
Qisha s-saltna ta' l-imwiet.

F'daqqa waħda, bla mistenni,
Is-smewwiet donnu ħa n-nar;
F'dak il-ħin, nofs il-lejl sewwa,
L-Iben t'Alla bniedem sar.

Rgħajja kienu qegħdin jirgħu,
In-nagħġiet tal-merħliet tagħhom,
Anġlu t'Alla fis tar lejhom,
Merħba tahom u tkellem magħhom:

"Ragħajja twajba, aħbar tajba,
Twieled issa il-Messija",
Qallhom Lilu fejn isibu,
Marru kollha għaġġilija.

Daħlu f'għar, xejn ma kien kenni,
Kien mikxuf għall-ksiħ u l-bard;
'Mma x'jimporta, issa l-aqwa,
Illi Kristu niżel fl-art.

B'għaġeb kbir għall-għajnejn tagħhom,
Hemm ġew raw Omm u Tarbija;
Wiċċhom fl-art niżlu jqimuhom,
U talbu kollha għalenija.

Għal darb'oħra s-sema ddawwal,
Bi qtajjiet ta' Anġli kbar,
U bdew jgħannu "Paċi' 'f'artna,
Kemm lill-kbar u kemm liż-żgħar.

9\. 11. 64. SAVIOUR ZAHRA.

## IL-KALZETTA TAL-MILIED

Kważi xjaħna, imma niftakru
Meta kmieni konna nbakkru,
Għaliex waslet il-ġurnata
Tal-kalzetta fuq il-għata.

Fost tant ferħ u allegrija;
Min jaf x'hemm ġo fiha għalija?!
Dil-kalzetta tal-Milied,
Mimlija b'tant u tant logħbiet.

Xi pastur, baqra jew ħmara;
Xi bużżieqa, jew suffara;
Imma x-xorti, tkun li tkun,
Aħjar minn xebgħa bastun!

Ara, mà! għax ktibtlu kmieni
Father Christmas x'mar poġġieli:
Ajruplan, mutur, karrozza
Jiġru fl-art u tinxtegħel bozza.

Dak kien żmien, żmien it-tfulija!
Helu, logħob u qastanija!
Kien xi darba, kollox tar,
Għax iż-żmien isajru l-bajtar.

KONT ŻGHIR.

## NIRRINGRAZZJAW

**Is-Sur Charles Cassano li għamel b'xejn id-disinn tal-Gazzetta "L-Imsida". Prosit u grazzi.**

Żgħażagħ Haddiema Nsara — Sezzjoni Xebbiet. Msida — £1. 0. 0.

"20th Century Sales and Service" — St. John Street, Valletta — Portable Tape Recorder.

# IL-MILIED U L-PAĊI

**Minn P. ALFRED CALLEJA, O.F.M.**

Qed toqrob l-aħħar tas-sena...... Kull sena tħalli xi ħaġa fina, jew għażiża jew ta' niket. Forsi kien hawn min kellu xi twelid id-dar, u għalhekk is-sena għalih tfisser ferħ; forsi għal xi ħadd tfisser niket u biki l-għaliex flok żdiedu naqsu fin-numru. Iżda ħaġa tal-għaġeb, f'kull żmien tas-sena hemm xi żmien li kulħadd ikun ferħan u hieni: IL-MILIED, żmien ta' sliem u barka.

Jekk wieħed joqgħod għal ftit sigħat fil-bieb tal-posta fiż-żmien tal-Milied, jixba' jħares lejn in-nies li jidħlu u joħorġu mill-Posta. Kulħadd joħroġ kuntent il-għaliex jew irċieva xi ħaġa jew kiteb xi ħaġa lil xi ħadd maħbub li qiegħed 'il bogħod. Kemm ittri jitqassmu; kemm ġugarelli jitqassmu; kemm xorb u ħelu jitqassam; kemm ħwejjeġ jiżżanżnu! Huwa żmien ta' infieq ta' flus. Il-ħwienet ikunu bl-imħatra bejniethom min jarma l-isbaħ u l-aħjar. Fit-twieqi kollha tad-djar tilmaħ id-dawl jitfi u jixgħel tal-Christmas Tree. Anki t-triqat jieħdu għamla oħra.

Iżda nistgħu ngħidu li d-dinja hija hienja? Nistgħu ngħidu li n-nies huma kuntenti jew li l-ġuħ waqaf u spiċċa? Kulħadd jaf li d-dinja ta' żmienna hija mimlija għira, ġuħ, għaks, niket, ġlied u mewt. Il-bniedem tilef it-triq tas-sewwa u qed jiġri 'l hinn u 'l hawn bla ma jaf fejn huwa sejjer. Kulħadd qed jipprova jgħolli leħnu biex juri li huwa wkoll għandu d-dritt li jgħix tajjeb daqs ħaddieħor. Hafna qed ikomplu jqabbdu n-nar tal-ġlied u l-għira biex ikunu aktar jistgħu jagħmlu li jridu. In-nazzjonijiet imxewxin u mifrudin minn purtiera tal-ħadid; ix-xjenzati bl-imħatra min jikxef qawwiet moħbija u mezzi ta' qirda; il-letterati jinqdew bil-kitba biex iħawdu l-imħuħ.

Il-futur jidher ikreh għal kulħadd. Il-kbar ma jafux x'ser ikun għażilhom; iż-żgħar ma jafux f'liema baħar ser jintefgħu. Iżda ħaġa waħda hija żgura: li Kristu Sidna niżel fostna u miegħu ġieb is-Sliem u l-Paċi lill-bnedmin ta' rieda tajba. Kulħadd jista' jgħolli ħarstu 'l fuq lejn il-għoljiet miksija bis-silġ abjad jew jiekol il-Manna li taqa' mis-sema minflok li jħares 'l isfel lejn it-tajn ta' l-art u jiekol mill-ġandar iebes u qares.

Ġesù mhux mibegħda ġieb fuq l-art iżda mħabba, u ma jixtieqx ħaġ'oħra ħlief li jara din l-imħabba tkompli titkebbes fuq l-art. Hawn qiegħed il-misteru tal-Milied. Din hija r-raġuni li għaliha kull poplu jinsa kull għelt ta' bejnietu u bħal aħwa jagħtu l-bewsa tal-Paċi. Għalhekk fil-Milied belt issellem lil oħra; nazzjon lil ieħor; familja lil oħra u bniedem lil ieħor.

Wasal il-Milied u għalhekk wasal ukoll żmien ta' Paċi f'qalb il-bnedmin. Kollox jgħaddi u jintesa mażżmien anki l-ġlied u n-nike.t Mela nilqgħu s-sejħa ta' Ġesù Bambin biex dan il-Milied ikun għalina u għal uliedna Milied ta' faraġ u paċi. Jekk nagħmlu dan qlubna jissaffew mill-għadab u mill-ħruxija, moħħna jiddawwal u idejna jimteddu għall-għafsa tal-ħbiberija.

## KOMPETIZZJONI

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:

1. X'inhu l-veru isem ta' John Foster?
2. Min kien il-President ta' l-Amerika meta ntefgħet l-ewwel bomba atomika?
3. Kemm-il parroċċa hawn f'Malta u kemm minnhom huma mmexxijin mill-Patrijiet?
4. X'jisimhom ir-Re u r-Reġina tal-Belġju?
5. Liema nazzjonijiet għandhom il-veto fl-U.N.O.?

*Kundizzjonijiet*

1. Kulħadd jista' jidħol għal din il-kompetizzjoni.
2. Mat-tweġiba tagħkom, poġġu fl-envelope bolla ta' 2d. mhix użata.
3. Ibagħtu t-tweġiba tagħkom, flimkien ma' l-isem u l-indirizz, lill-Editur, mhux aktar tard mill-10 ta' Jannar.
4. Jiġi mogħti premju. Jekk ikun hemm aktar minn tweġiba waħda tajba, il-premju jitla' bix-xorti.
5. Ir-riżultat ikun ippubblikat fil-ħarġa li ġejja.

## RIŻULTAT

Fost dawk li daħlu għall-kompetizzjoni ta' l-aħħar darba, ħadd ma ġieb ir-risposti kollha tajbin, u għalhekk il-premju ma setax jiġi mogħti.

For Best T.Vs. and Portable Radios

SCHAUB

LORENZ

NORTHERN T.V. and RADIO SERVICE

EDDIE T. TESTA

TESTAFERRATA STREET

MSIDA

Tel. No. 33531

COLOR PRINTS

ADOX
AGFA
FERRANIA
GEVAERT
KODAK
TELLKO

Developing
Printing
Enlarging

COLOR

SEVEN DAY SERVICE

FREE one enlargement 7″ × 5″ for every 12 prints ordered

ARTCOLOR STUDIOS

KINGSWAY PALACE — KINGSWAY — VALLETTA

# L-IMSIDA FL-IMGĦODDI

Minn LINO BARTOLO

(jissokta mill-ħarġa l-oħra)

Fl-istorja ta' Malta, fi żmien il-Gran Mastru D'Omedes, meta t-Torok ħabtu għal għarrieda għal Malta, dawn kienu niżlu fid-daħla ta' l-Imsida u minn hemm telqu għall-Belt Kapitali ta' Malta, li dak iż-żmien kienet l-Imdina.

Gran Mastru ieħor li għandu x'jaqsam ma' l-Imsida huwa l-Gran Mastru Perellos li bena minn flusu l-għajn tal-ħasselin, għal ħabta tas-sena 1696, fix-xatt ta' l-Imsida li kien fejn illum jinsab dan il-monument ta' dan il-Gran Mastru. Dan il-monument huwa mibni forma ta' kamra kbira b'ħames arkati kull naħa u waħda fil-faċċata; permezz tal-blat l-ilma kien ġieri ħafna.

F'dan iż-żmien il-popolazzjoni ta' l-Imsida bdiet tiżdied u ħafna bdew jaħdmu r-raba' li kien idawwar dan il-lokal.

L-ewwel tagħrif li niltaqgħu miegħu rigward il-knisja ta' l-Imsida huwa fi żmien l-Isqof Monsinjur Duzzina, fis-sena 1575, u l-knisja kienet iddedikata lil Marija Immakulata. Din il-knisja, li hija l-Knisja ż-Żgħira kif nafuha aħna, kienet daqsxejn ta' kappella maqtugħa fil-blat. Wara, fis-sena 1640, ġiet mibnija mill-ġdid. Fis-sena 1670 ġiet mibnija s-sagristija, u ġie magħmul parapett u zuntier li kien idawwar il-faċċata tal-knisja. Dan kien fis-sena 1670 u s'intendi l-ġmiel ta' dan il-post pittoresk beda jiġbed bosta nies, u għalhekk fis-sena 1835 Monsinjur Francesco Caruana għamilha viċi-parroċċa fuq rakkomandazzjoni tal-Prepostu ta' Birkirkara Dun Ġużepp Debono.

Reġa' għadda ż-żmien, u l-knisja ta' l-Immakulata reġgħet ċkienet u fl-1865, bil-permess ta' l-awtorità ekklesjastika, il-knisja ta' l-Immakulata reġgħet ġiet imkabbra u x-xogħol ġie mitmum fis-sena 1869. Fil-25 ta' Novembru ta' l-istess sena din il-knisja ġiet imbierka mill-Prepostu ta' Birkirkara, ir-Rev. Dun Kalċidon Agius, b'permess speċjali ta' Monsinjur Isqof Pace Forno. Fost il-benefatturi ta' din il-knisja ta' min isemmi l-Bali ta' Brandenburg Fra Filippo Solfango Cuttinburg, u s-sinjur Dionisio Famucelli.

Fost il-ferħ tal-Misidjani, Monsinjur Isqof Pace Forno firidha mill-Kolleġġjata ta' Birkirkara u għamilha Parroċċa fit-2 ta' Marzu tas-sena 1867, u l-ewwel Kappillan kien il-Wisq Rev. Dun Salvatore Caruana li fis-sena 1895 ġie magħmul Kanoniku Kapitulari. Il-kappillan meta ra li l-popolazzjoni kibret, flimkien mal-poplu fdat f'idejh, ħaseb biex tin-


**KENNEDY STATIONERY**

**7, MSIDA SEA FRONT**
MSIDA

A large assortment of Christmas Cards and Toys. We are importers of Zeno Radios and we are giving you £1 discount on every radio you buy from us during Christmas period.
Films Developed, Printed and Enlarged
**Quick service and moderate charges.**

**I R-R A D I O**

**Iva, IRRADIO hija l-meraviljuża Portable Juke Box moderna. Din ma hemmx għalfejn Radjo għaliex iddoqq bil-batterija tagħha jew tal-karrozza.**
Din tista' taraha u tippruvaha għand l-Aġenti Ewlenin

JOKATE STORE

**43, GUARDAMANGIA HILL - PIETA'**
Tel. 21012

**INVICTA WORKS**
MANUFACTURERS OF
MODERN TUBULAR FURNITURE
**INVICTA for your household and office needs**
*Be Proud* — Have Modern Furniture
*Be Wise* — Have INVICTA FURNITURE
**FLATS - HOSPITALS - SCHOOLS**
are modern only when
INVICTA FURNITURE IS USED

FREE!! Literatures and Brochures on request.

*Factories and Head Office:*
Quarries Square, MSIDA 26651
*Showrooms:*
The Strand, SLIEMA 33827
Pietà Wharf, PIETA'.

**Visits Solicited Without Obligations**
**Buy the Best! Buy INVICTA FURNITURE**
**THE FURNITURE OF A LIFETIME**

Filwaqt li nispera bil-qalb kollha li dan il-pass, biex ingħidu hekk, patrijottiku li int u sħabek għamiltu jirnexxi, inħossu dover ta' kull Misidjan, u hawn nixtieq nappella lil ħuti Misidjani kollha, biex igħin kemm moralment kif ukoll finanzjarjament billi nxerrdu din il-gazzetta ma' kull rokna ta' dan is-subborg.

Għal dan il-għan nispera li kif il-Misidjani dejjem issib il-pinna tagħhom fuq ġurnali diversi, hekk ukoll, issa li għandna l-gazzetta tagħna, jikkontribwixxu artikoli interessanti u informazzjoni siewja għall-ko- u determinazzjoni poġġejtu quddiemna l-ewwel numru hekk ukoll tkomplu taħdmu biex 'il quddiem in-numri li għad joħorġu jkomplu jkabbru l-popolarità diġà miksuba fost il-Misidjani kollha.

Bħala qarrejja aħna nistennew li intom tpoġġulna fil-kolonni ta' *L-Imsida* materjal ta' l-akbar ġid u vantaġġi għall-ħajja soċjali talpoplu Misidjan. Mhux biżżejjed li ngħidu li għandna l-gazzetta tagħna, imma jeħtieġ li din tkun ta' livell mill-aqwa fost il-gazzetti li diġà jinsabu fl-idejn talpopli ta' l-ibliet u l-irħula l-oħra ta' Malta. U proprju għal din ir-raġuni nispera li l-Misidjani kollha juru fidu-

kien ilu tant jinħass.

Għoddni tiegħek,

RAYMOND GALEA.

Msida, 5. 11. 64.

Sur Editur,

Jien qed nibgħatlek l-ittra

**qxur u ħmieġ ieħor fit-toroq.**

*KAZIN TAL-BANDA "MELITA"*

Relazzjoni uffiċjali mibgħuta mis-Segretarju:

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Novembru, filgħodu saret Laqgħa Ġenerali Straordinarja fil-Każin tal-Banda "Melita" presjeduta mis-Sur J. M. Cassar Naudi, il-President tal-Każin. Għal din il-laqgħa attendew għadd sabiħ ta' membri.

Wara l-qari tal-minuti tas-Seduta Ġenerali Anwali, il-President talab nominazzjonijiet għaż-żewġ postijiet fil-Kumitat li kienu jinsabu battala. Dawn ġew mimlija mis-sinjuri V. Sciberras u P. Cassar wara li ma' żewġ membri oħra.

Imbagħad il-President fetaħ diskussjoni dwar l-akkwist tal-Każin. Is-Seduta Ġenerali qablet unanimament fuq il-prinċipju li għandha tinxtara d-dar tas-Soċjeta. Is-Sur C. Taljana, is-Segretarju tal-Każin, wara ta rapport dettaljat dwar in-negozjati li l-Kumitat kien għamel mas-sidien għall-akkwist tad-dar.

Id-diskussjoni li saret wara kienet twila u interessanti. Ġie mfaħħar il-mod kif il-Kumitat mexxa n-negozjati minn ħafna mill-membri fis-sala, u ftit qabel ittmiem tal-laqgħa, il-Kumitat ġie awtorizzat mis-sala biex jiffinalizza t-trattativi mas-sidien.

TA' XBIEX PHARMACY
TESTAFERRATA STREET
MSIDA
Tel. 31553
*L-istabbiliment fejn issibu l-akbar varjeta' ta' rigali u Cosmetics*

G. GIORDANO
JEWELLER
Crystal Dealer
and
Repair of Watches
*76, RUE D'ARGENS*
*MSIDA*
Res.: Dial 34527

ECONOMICAL
STORE
*By C. MONTANARO*
8, Mons. Falzon Str.
Msida
*for all kinds of*
*Groceries, Salami*
*and Daily Fresh Milk*

OND HAND
D DEALER
BONE
STREET
UN

# VARJETA'

Minn JAPVA

## CLIFF RICHARD

### L-IDOLU TAT-TEENAGERS MAD-DINJA

Minn EDWIN FRIGGIERI




14 ta' Ottubru, 1940: Harry Roger Webb twieled f'Lucknow, l-Indja, it-tifel li kellu jkun il-popolari Cliff Richard, hekk magħruf mad-dinja kollha. Huwa għex l-ewwel 8 snin ta' ħajtu fl-Indja, meta mbagħad mar l-Ingilterra. L-iskola Cliff ma tantx kellu ħbieb, minħabba li hu twieled fl-Indja, u kienu jgħajjruh in-"Nigger". Ll-iskola hu kien dilettant tal-Javelin, u hemm hu rebaħ anki c-championship. Meta ħareġ mill-iskola, huwa beda jaħdem f'uffiċċju sakemm f'Awissu ta' l-1958 huwa kien qiegħed ikanta f'Gaumont, Shepherds Bush, Londra, u ltaqa' ma' Tito Burnes. Dan offrielu li jittanta xortih fil-kant, u offrielu kuntratt. Tito Burnes issa huwa l-manager tiegħu.

Għall-ewwel beda jkanta ma' group, iżda mbagħad huwa ifforma l-grupp tiegħu li semma *The Drifters*. Imma, billi fl-Amerika kien hemm grupp ieħor jismu l-istess, huwa biddel l-isem f'*The Shadows*. Meta Tito Burnes offrielu kuntratt, kienet l-ewwel darba li Cliff Richard kien kanta fuq stage. Wara, huwa kellu suċċess fuq ieħor. L-ewwel song li irrekordja kienet *Move it*, li għamlet suċċess. Għamel ħafna diski li 5 minnhom huma tad-deheb u ħmistax tal-fidda. Id-diski tad-deheb huma: *Livin doll, The young ones, Bachelor boy, Lucky lips*, u *Don't talk to him*.

Cliff ġie ivvotat għal sitt snin wara xulxin l-ewwel fl-Ingilterra, u ġie t-tielet fid-dinja. Huwa għamel 5 films li huma: *Serious charge, Expresso Bongo, The young ones, Summer holiday* u l-*Wonderful life*, kollha għamlu suċċess mill-akbar, u l-gazzetti sejħulu "idolu tat-Teenagers" u l-favorit ta' kulħadd.

L-idolu taż-żgħażagħ Ingliżi — Cliff Richard — ma ġiex imħolli jara l-Premiere tal-film tiegħu *Summer Holiday*, meta l-pulizija ma ħallitux jidħol fis-cinema wara pressjoni mill-folla ta' madwar 3,000 fans tiegħu. Meta Cliff wasal, nisa u tfajliet qasmu l-kurdun tal-pulizija u daru madwar il-karrozza tiegħu. Darbtejn ipprova joħroġ mill-karrozza u darbtejn il-pulizija reġġgħetu lura. Fl-1960 huwa deher fir-Royal Variety Show li kien l-akbar gost tiegħu.

Il-passatempi ta' Cliff huma: isuq il-Cowet, ikanta, idoqq il-kitarra u jilgħab il-badminton. L-artisti favoriti ta' Cliff huma: Elvis Presley, Connie Francis u Ray Charles. Cliff għamel tours għall-Afrika, l-Awstralja, l-Italja, Franza, Norveġja, Spanja, u ħafna pajjiżi oħra. F'Jannar u Frar huwa ser jagħmel tour għal Tokyo, Bangkok, Hongkong u l-Malasja.

Huwa joqgħod mal-familja tiegħu fil-villa li xtara ftit xhur ilu £30,000 — huwa għandu oħra fi Spanja. Cliff minbarra bl-Ingliż, ikanta wkoll bil-Franċiż, Ġermaniż u Spanjol. Is-song reċenti tiegħu, *Lucky lips*, kisbet suċċessi kbar fil-Ġermanja.

L-indirizz tal-Fan Club tiegħu f'Malta huwa: Cliff Richard Fan Club, The Breezes, Blandun Vale, Paola, Malta.

## DAWRA MAX-"SHADOWS"

Din is-sena kienet sena ta' suċċessi kbar għax-Shadows. Huma ġew ivvotati t-tielet fost il-Gruppi Strumentali għal din is-sena. Ir-record tagħhom *The rise and fall of Flingell Bunt* ġiet unanimament ivvotata bħala l-aħjar disk strumentali tas-sena fl-Ingilterra u fid-dinja.

Il-Lead Guitarist tagħhom, HANK. B. MARVIN, ukoll żied fil-glorja tal-grupp tiegħu billi rebaħ it-titolu fl-Ingilterra filwaqt il ġie l-ħames fil-lista internazzjonali. L-aħħar disk tax-Shadows huwa *Rhythm and green*.

### MIN HUMA X-"SHADOWS"

BRUCE WELCH (rhythm guitar) twieled f'Bognor Regis fit-2 ta' Novembru, 1941. Sitt xhur wara, il-ġenituri tiegħu ħaduh magħhom f'Newcastle. Meta kien imur l-iskola, hu u Marvin daqqew fi Skiffle Group magħruf bħala r-Railroade.r Bruce, kittieb tajjeb tal-kanzunetti, jgħid li l-pjaċir tiegħu hu meta jsuq ġo Londra filgħodu kmieni meta t-toroq ikunu għadhom vojta.

HANK B. MARVIN (lead guitar) twieled 'Newcastle fit-28 ta' Ottubru, 1941. Kien imlaqqam Hank biex ma jitfixkluhx ma' ħuh Brian — il-B. f'ismu toqgħal Brian. Huwa xtara banjo meta kellu 15-il sena u wara bidel għall-kitarra meta missieru tah waħda fil-birthday fl-1957.

BRIAN BENNET (drums) twieled f'Arnos Grove, North London, fid-9 ta' Frar, 1940. Kien vjolinista tajjeb fl-iskola u kien tajjeb ukoll ħafna fl-arti. Wara l-iskola, huwa impjega ruħu bħala stampatur, imma malajr iddejjaq u ħalla x-xogħol. Imbagħad ingħaqad ma' "l-istrambi" u beda jdur it-toroq idoqq il-kitarra, liebes sandli u berritta sewda. Qabel ma daħal max-Shadows, minflok Tony Meenhan, huwa daqq id-drums għal Wee Willie Harris, Vince Taylor u wara, il-Wild Cats ta' Marty Wilds.

JOHN ROSTILL (bass guitar) għandu 21 sena. Hu daħal max-Shadows minflok Brien Goddfrey Locking. Il-kantanti favoriti tiegħu huma Peggy Lee u Tonny Bennet. Il-grupp favorit? Il-Markeys mill-Istati Uniti, u Kirk Douglas huwa l-artist favorit. L-ewwel disk li daqq max-Shadows kienet *Jeronimo*. Kien l-aktar ferħan meta qalulu li għandu erba' kelmiet xi jgħid fil-film *Wonderful Life*.

# SPORTS

Minn CHARLIE CASHA

## TLIET PUNTI MINN TLIET LOGĦBIET

Mill-aħħar ħarġa tal-gazzetta "L-Imsida", sakemm morna fuq l-istampa t-team tas-St. Joseph lagħab erba' partiti, tlieta fit-3rd Division u waħda fil-Minor League. It-team tat-3rd Division akkwista tliet punti mit-tliet logħbiet li lagħab, li kienu kontra Siġġiewi, Balzan Y. u Senglea. Il-Minors lagħbu partita waħda kontra Senglea, li spiċċat fi draw 0-0.

It-team l-ieħor Misidjan, Msida Wolves, li qed jieħu parti fil-league tal-M.A.F.A., tilef l-unika partita li lagħab imma minħabba nuqqas ta' spazju ser inġibu biss il-logħbiet tat-3rd Division.

**SIĠĠIEWI . . . . . . . . . 3**
**ST. JOSEPH . . . . . . . 2**

It-team tas-Siġġiewi, imsaħħaħ b'George Dalli (ex-Floriana, Rabat u B'kara), u Silvio DeBattista (ex-Hibs u Sliema W.), ta l-ewwel telfa ta' l-istaġun lis-St. Joseph. Kien DeBattista li ta l-moral u r-rebħa lis-Siġġiewi, meta wara biss 10 minuti logħob, b'xott illobbjat minn 30 jarda bogħod ħasad lill-goalkeeper Misidjan biex skorja l-ewwel goal.

Fit-tieni half is-St. Joseph kellhom sehem kbir fil-logħob u dawru r-riżultat favur tagħhom, meta DeMarco minn taħwida quddiem il-lasti skorja l-ewwel goal għas-Saints, u ftit minuti wara b'daqqa ta' ras mill-isbaħ Cutajar skorja t-tieni goal.

Is-supporters Misidjani kienu għadhom jifirħu meta fit-22 minuta l-full-back tas-St. Joseph ħabatlu ballun ma' idu u mill-penalty DeBattista ġieb li score indaqs. L-istess player skorja l-goal li ta r-rebħa lis-Siġġiewi minuta qabel it-tmiem.

*Kif lagħbu:* J. Sciberras (E. Sammut); F. Briffa, J. Gatt; C. Mizzi, L. Betts, V. Asciak; J. Paris (T. Agius), J. Demarco, A. Cutajar, A. Ellul, J. Pace.

**ST. JOSEPH . . . . . . . 1**
**BALZAN Y. . . . . . . . 0**

Logħba akkanita bejn iż-żewġ teamijiet li telgħu flimkien fit-3rd Division 'A' spiċċat b'rebħa għat-team Misidjan.

Ried ikun T. Betts fl-ewwel half biex salva goal ċert, meta s-centre forward tal-Balzan fajjar xott b'saħħtu lejn il-lasti Misidjani.

Bir-riħ wara daharhom, is-St. Joseph iddominaw dan il-half, u ried ikun Suda bejn il-lasti tal-Balzan li ċaħħad lill-forwards Misidjani.

Fit-18-il minuta tat-tieni half Paris skorja l-goal tar-rebħa Misidjanal meta daħa, u spara xott sabiħ minn fuq il-lemin.

Ftit qabel ma spiċċat il-logħba, Sammut, il-goal-keeper Misidjan, ġie mweġġa' u nqala' xi nkwiet fost il-players; ir-referee keċċa lill-full back Gatt (Msida) u s-centre forward Chetcuti (Balzan).

*Kif lagħbu:* E. Sammut; J. Gatt, T. Betts; C. Mizzi, L. Betts, V. Asciak (J. Pace); T. Agius, J. Demarco, A. Cutajar, A. Ellul, J. Paris.



*It-team preżenti tas-"St. Joseph"*

**ST. JOSEPH . . . . . . . 0**
**SENGLEA . . . . . . . . 0**

Din il-partita, li kienet akkanita ħafna, spiċċat 0-0; imma l-aktar li issoddisfa r-riżultat kien lit-team tas-Senglea, li lagħab il-biċċa l-kbira mil-logħba b'għaxra min-nies, meta fit-22 minuta ta' l-ewwel half ir-referee keċċa 'l barra r-right inside tas-Senglea, Ebejer, wara tilwima ma' Charlie Mizzi (Msida).

Is-St. Joseph kellhom il-biċċa l-kbira ta' l-attakki, imma Abela fil-lasti tas-Senglea kien f'burdata tajba u ċaħħad lis-St. Joseph minn goals ċerti.

Kien baqa' biss ftit minuti mit-tmiem, xott ta' Cutajar għeleb lill-goalkeeper tas-Senglea, imma l-full back Zarb salva minn fuq il-linja tal-goal.

*Kif lagħbu:* E. Sammut; F. Briffa, J. Gatt; C. Mizzi, L. Betts, T. Betts (Ellul); T. Agius, J. Demarco, A. Cutajar, J. Pace, J. Paris.

## FIXTURES

Frar 10 — Senglea A. vs. St. Joseph.
Frar 27 — St. Joseph vs. Balzan Y.
Marzu 7 — Żebbuġ R. vs. St. Joseph.
Marzu 14 — St. Joseph vs. Naxxar L.
April 4 — St. Joseph vs. St. Patrick.
April 18 — St. Joseph vs. Żurrieq.
Mejju 2 — St. Joseph vs. Mosta.

## PROFIL Nru. 1

### LEWIS BETTS

Fost il-ħafna attivitajiet li għamel il-kumitat tas-sena 1963/64 tas-St. Joseph Football Club, kien hemm l-introduzzjoni tal-"Footballer of the Year" li ntrebħet mill-player LEWIS BETTS. Għalhekk il-gazzetta "L-Imsida" għoġobha tiddedika l-ewwel Profil lil dan il-player.

Lewis Betts twieled l-Imsida fl-20 ta' Awissu, 1942, u fl-età tenera ta' 14-il sena irreġistra mal-minor team tas-St. Joseph bħala left-wing, imma ma setax jieħu postu fit-team qabel is-sena ta' wara. Lagħab l-ewwel logħba kontra l-Valletta Valstars u mill-pożizzjoni ta' left-wing skorja l-ewwel goal tal-karriera tiegħu. Għalkemm bħala left-wing kien lagħab partita tajba, il-kumitat ħasibha xort'oħra, u fil-logħba ta' wara Lewis lagħab bħala centre-half, li minn dak iż-żmien baqa' jżomm din il-pożizzjoni b'suċċess kbir, u



għal ħafna drabi għen lill-Minors u lit-III Division f'suċċessi li kellhom, fost-hom l-istaġun l-ieħor meta s-St. Joseph rebħu l-promotion għas-serie "A" mingħajr ebda telfa.

Wara xi tliet snin, Lewis ġie introdott fit-III Division u minn dak iż-żmien baqa' jżomm il-pożizzjoni ta' centre-half fit-team tat-3rd.

Fl-istaġun 1963/64 Lewis ipprova xortih band'oħra meta irreġistra mat-team tal-1st Division Sliema Wanderers, imma mill-ewwel induna li postu kien ma' l-Imsida, u meta lanqas kien għadda xahar mill-bidu ta' l-istaġun Lewis reġa' ta l-firma tiegħu lill-club li kien ħabb — St. Joseph Football Club — u kien wieħed mill-aħjar players li lagħbu fix-Schreiber l-istaġun l-ieħor.

Mistoqsi liema kienet l-aħjar logħba tal-karriera tiegħu, Lewis semma l-logħba ta' l-istaġun 1962/63 kontra s-St. John ta' l-Imsieraħ. Is-St. Joseph kienu qed jitilfu 2—1 sa l-ewwel half u b'ħamsa barra mill-ground, Lewis niżel jilgħab fit-tieni half bħala centre-half, u mhux talli żamm il-forwards tas-St. John milli jiskorjaw, imma talli sab ħin biżżejjed biex jitla' jattakka u bi ftit tal-furtuna ġieb li score indaqs.

Bħala rebbieħ tal-"Footballer of the Year", Lewis jieħu trophy li jżommha għal sena u miniature cup li jżomm bħala tifkira.